**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jimmy Mifsud**

Numru: 56/2021

Illum 23 ta' Lulju 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Jimmy Mifsud,** ta' disgħa u tletin (39) sena, iben Mario u Michelina nee' Mercieca, imwieled ir-Rabat, Għawdex nhar it-22 ta' Ġunju 1980, residenti fil-fond Sunshine, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Rabat, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 14480(G), akkużat talli nhar it-3 ta' Jannar 2021, għall-ħabta ta' 10:45hrs kif ukoll matul il-ġranet u l-ġimgħat ta' qabel waqt li kien qiegħed fir-Rabat, Għawdex u/jew f'dawn il-gżejjer;

1. talli għamel użu ta' xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat għal xi għan li ma jkunx dak li għalih ġie provdut jew xorta oħra naqas milli jossorva dawk l-istruzzjonijiet li nħargu minn provditur awtorizzat għall-użu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew tagħmir jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artiklu 18 tal-Kapitolu 9 u Artikoli 48(1)(D), 49(c) tal-Kapitolu 339 tal-liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna biża' lil Christiana Vella, li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġab ruhu b'mod li ta fastidju lil Christiana Vella u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a) tal-Kapitolu 9;

4. naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Maġistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.) b'digriet ta' nhar id-19 ta' Mejju 2020 u dan bi ksur ta' 579(1) tal-Kapitolu 9;

   U aktar talli nhar it-8 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' 11:30a.m. waqt li kien qiegħed fil-bini tal-Qorti, ġewwa Rabat, Għawdex;

5. Ikkaġuna ġriehi ta' natura ħfief fuq il-persuna ta' Nathan Pace, hekk kif iċċertifika Dr. John Xuereb Curmi M.D. Reg. No. 1643 minn Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat, Għawdex u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid bi kliem jew b'mod ieħor lil Nathan Borg u dan bi ksur tal-Artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti ġiet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Jimmy Mifsud u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija Christiana Vella u Nathan Pace, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodiċi Kriminali u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba illi minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta ta' Christiana Vella u Nathan Pace sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2021 il-Qorti kkonċediet żmien lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiża sabiex jipprezentaw is-Sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat illi fid-9 ta' Lulju 2021 il-Prosekuzzjoni ppreżentat is-Sottomissjonijiet tagħha bil-miktub;

Rat illi l-parte civile ma ppreżentat l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet minkejja li ngħatat il-fakulta' li tagħmel dan;

Rat illi d-difiża ppreżentat is-Sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fid-19 ta' Lulju 2021.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

## KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

### Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jiġu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha.

[1] Il-Qorti qegħda tibbaża din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Maġistrat Aaron Bugeja fil-kawża il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deċiża fil-5 ta' Frar 2016

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-proċedura ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiża ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tiġi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jinġiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu ġew miktuba u preżentati quddiemha mill-Pulizija Eżekuttiva jew skont kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkużatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irriżulta matul il-kors tal-proċess penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu ġurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiża.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull każ huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Liġi u fil-Liġi. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun

tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura Ċivili li mhumiex previsti mill-Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jiġu emanati minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

F'kull każ pero', stante li din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiża tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-każ, huwa biżżejjed għad-difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabbilta' u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa prinċipji kardinali li jsawru l-proċediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bażilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiġġudika dan il-każ skont l-akkuża li ġiet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-

kawza intrapriża mill-Prosekuzzjoni u tiddeċiedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni preżentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Il-fatti tal-każ</u>**

Dan il-każ kellu l-bidu tiegħu minn relazzjoni li kien hemm bejn l-imputat u Christiana Vella fejn din ma riditx li din ir-relazzjoni tidħol aktar fil-fond, liema deċiżjoni ta' Vella jidher li ma kinitx aċċettata mill-imputat. Waqt li kienu se jibdew proċeduri marbuta ma' fastidju u ksur tal-kundizzjonijiet ta' liberta' proviżorja nqala' inċident fil-bini tal-Qorti bejn l-imputat u s-sieħeb ta' Christiana Vella fejn sofra ġrieħi ħfief.

**XHIEDA**

F'dan il-każ xehdu tmintax (18)-il xhud:

*Id-Deputat Registratur Joseph Grech (a* fol. *62), il-Marixxall Mario Portelli (a* fol. *63 et seq.), Christiana Vella (a* fol. *66 et seq.), Nathan Pace (a* fol. *73 et seq.), Christiana Vella (a* fol. *79), Jonathan Mizzi (a fol. 87), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 107), Dr. Bernard Busuttil (a fol. 118 et seq.), Jonathan Mizzi (a fol. 136 et seq.), Martin Casha (a fol. 139 et seq.), Francis Bianco (a fol. 145 et seq.), Nathan Pace (a fol. 148 et seq.), Christiana Vella (a fol. 155 et seq.), Martin Casha (a fol. 167 et seq.), Godfrey Attard (a fol. 173 et seq.), David Saliba – OHSA (a fol. 179 et seq.), Christiana Vella (a fol. 194 et seq.) u l-imputat Jimmy Mifsud (a fol. 195 et seq.).*

Stante li x-xhieda tinstab traskritta m'hemmx il-bżonn li din tkun riprodotta f'din is-sentenza iżda se ssir referenza għall-punti li huma importanti biex ikun trattat u deċiż dan il-każ.

Il-Qorti f'dan l-istadju tagħmel referenza għan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputat fejn intqal *"Kif tistà din il-Qorti ssib htija fuq dawn il-provi fjakki tal-prosekuzzjoni, li bla skruplu tà xejn opponiet ghal darba, tnejn, tlieta u erbgha darbiet ghat-talbiet li saru mill-imputat ghall-helsien mill-arrest tieghu, u bla dubbju tà xejn trid terfâ l-piz kemm taht il-Kostituzzjoni tà Malta u l-Kap. 319 tal-Ligijiet tà Malta ghall-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-imputat, kif ukoll piz ikbar fuq l-kuxjenza taghha li cahdet ingustament lill-imputat mill-libertà tieghu ghal dawn ix-xhur kollha. Kif jistà jkun il-Pulizija sserrah il-kuxjenza taghha li takkuza persuna u baqghet sal-ahhar tinsisti li zzommu taht arrest preventiv dawn ix-xhur kollha bi provi fjakki u laxki minn din il-fatta? Il-Pulizija ghandha piz kbir x'terfâ u x'iggorr f'dan il-kaz"* u tiċċensura bil-qawwa kollha dikjarazzjonijiet li saru fil-konfront tal-Prosekuzzjoni, nota ta' sottomissjonijiet qegħda hemm biex targumenta fuq l-akkużi li nġabu u jekk hemmx l-elementi kollha biex tinstab ħtija u mhux kliem żejjed li ma għandu l-ebda siwi biex tkun deċiża l-kawża. Il-Prosekuzzjoni għandha dritt u dmir toġġezzjona għall-helsien mill-arrest ta' persuna meta din tkun diġa' ngħatat dan il-ħelsien u tilfitu bl-aġir tagħha u ħadd aktar.

Punt ieħor li l-Qorti se tagħmel referenza għalih u dak dikjarat mid-difiża fin-Nota ta' Sottomissjonijiet fejn intqal; *"Illi nterament minghajr pregudizzju ghal dak li gie hawn fuq espost, dwar l-icident tat-8 tà Jannar 2021, l-imputat ghazel li ma jixhidx. Kellu kull dritt li ma jixhidx halli ma*

*jinkriminax ruhhu. Hadd ma kellu dritt jipprova jinkrimina lill-imputat b'domandi dwar akkuzi li dwarhom huwa ghazel u kellu kull dritt li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhhu. Hadd ma kellu dritt li jxellef id-dritt fundamentali tal-imputat tal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu […] Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni biss, u din il-prova l-Prosekuzzjoni ma tistax iggibha minn domandi inkriminanti li taghmel lill-akkuzat in kontro-ezami li ma hargu bl-ebda mod mix-xhieda tal-imputat. L-imputat fl-ezami kien ghazel biss li jixhed dwar l-inicdent tat-3 tà Jannar 2021. Kellu kull dritt li jaghmel dan u li jibqà sieket dwar l-incident tat-8 tà Jannar 2021, li huwa incident distint u separat minn dak tat-3 tà Jannar 2021, u huwa kontra d-dritt fundamnetali u sagrosant tal-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza tal-persuna akkuzata li din tigi kompromessa b'domandi li jxellfu din il-prezunzjoni."*

Il-Qorti tfakkar f'dak li ngħad fil-kawża fl-ismijiet Il-**Pulizija versus Vitor Scerri** deċiża fil-11 ta' Ottubru 1948 mill-Imħallef W. Harding li **"l-imputat jixhed jekk irid hu. Jekk jaghzel li jixhed, minn imputat isir xhud. Imma malli jispicca mix-xhieda u jerga' jmur f'postu fl-isbarra, huwa jerga' jsir imputat, u jerga' jigi protett bil-privilegg li ma jistax jigi mistoqsi fuq ebda haga dwar ir-reat li tieghu huwa akkuzat."**

L-imputat għażel li jixhed hu u ħadd ma impona dan fuqu. Dan sar fil-preżenza tal-avukat ta' fiduċja tiegħu. Meta akkużat jitla' jixhed, huwa jsir xhud bħall-oħrajn. Anzi, fuq dak li jkun mixli bih ma jistax jinvoka l-privileġġ li ma jweġibx għal dawk il-mistoqsijiet li jistgħu jinkriminawh, b'referenza għal dawk l-akkużi li jkun qiegħed jiġi mixli bihom. Kwantu

għal affarijiet u reati oħra li ma jkunx qed iwieġeb għalihom fl-akkużi, huwa jista' jinvoka l-privileġġ bhal kull xhud ieħor.

**<u>Il-verita' storika</u>**[2]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta' u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Cioe' li tipponta biss u esklussivament lejn

[2] Ara spjega dettaljata tal-Imħallef Aaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deċiż 6 ta' Frar 2020

direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip ta' evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, cioe' l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xhieda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarrku bħal xhieda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom

jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xhieda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarrġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xhieda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xhieda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero' li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero', jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xhieda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha.

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[4] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti :

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

**Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-**

[4] ibid.
[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[6] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. F'dan il-każ ix-xhieda ta' Christiana Vella hija importanti ħafna fejn il-Qorti użat dak li jipprovdi artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali biex tanalizza u taprezza x-xhieda li hija tat. Il-Qorti għamlet l-istess meta analizzat u apprezzat ix-xhieda li ta l-imputat Jimmy Mifsud.**

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal- akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar 'il fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-

[6] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud: *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

xhieda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xhieda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanti ħafna u għandu jingħata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, għalhekk, li ngħad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati tagħna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

**<u>Vjolenza pubblika - Eżerċizzju tal-azzjoni kriminali</u>**

Id-difiża tqajjem il-punt li ma kienx hemm kwerela min-naħa ta' Nathan Pace dwar il-ferita ħafifa li sofra fil-bini tal-Qorti meta ġie aggredit mill-imputat.

Il-Qorti tagħmel referenza għal artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid:

> *373. Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż:*
>
> *Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, **<u>ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku</u>**, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, **<u>l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat</u>**.*[7]

Għal dawk li ma kellhomx l-opportunita' li jattendu l-ewwel lezzjoni tal-Kriminal fl-Universita' ta' Malta il-Qorti tispjega li artikolu 2 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li *"Ir-reati jitqassmu f'delitti u kontravvenzjonijiet.*

[7] Enfasi tal-Qorti

Il-Qorti tfakkar ukoll f'artikolu 542 dwar min jista' jagħmel kwerela:

> *542. Jistgħu jagħmlu kwerela r-raġel għal martu jew il-mara għal żewġha, l-axxendenti għad-dixxendenti, id-dixxendenti għall-axxendenti, wieħed jew waħda mit-tfal f'isem l-ieħor jew l-oħra, kull persuna għal oħra li tkun taħt it-tutela jew il-ħsieb tagħha, kull amministratur jew rappreżentant ta' istituzzjoni pija jew korp morali ieħor magħruf mil-liġi, għal kull reat magħmul bi ħsara ta' dik l-istituzzjoni jew korp morali, u l-werrieta immedjati għar-reati magħmulin kontra l-awtur tagħhom.*

L-imputat tressaq il-Qorti fit-tmienja ta' Jannar 2021 b'akkużi marbuta mal-fastidju u użu ħażin ta' mezz ta' komunikazzjoni. Dakinhar inqala' inċident fil-Qorti qabel il-preżentata fejn Nathan Pace ġie attakkat mill-imputat skont xhieda li ngħatat f'dawn il-proċeduri. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat imputazzjonijiet ġodda fl-1 ta' Frar 2021 fejn mal-imputazzjoni ta' ferita ħafifa fuq Nathan Pace huma xlewh ukoll bir-reati kontemplati f'artikoli 339(1)(e) u artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9. Dan l-aħħar reat huwa dak tal-ksur tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

## KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

### **Artikolu 49(a)(c) tal-Kap. 399 (Theddid ta' Reat u/jew Użu mhux xieraq ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika)**

L-element essenzjali għal sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 49(a) tal-Kap.

399 huwa li jkun sar theddid li se jsir xi reat u dan bl-użu ta' network jew apparat elettroniku.

L-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 imbagħad jirreferi għal użu mhux xieraq tal-apparat elettroniku. Kif diga' kellha l-opportunita' din il-Qorti li tikkummenta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francine Cini** *"uzu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-kappa tax-xemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratt theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti."*[8] It-theddid irid ikollu wkoll il-karatteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' ħsara inġusta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Annabelle Grech u Hubert David Grech**, deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Novembru 2020 dwar recording ta' telefonata l-Qorti kellha dan xi tgħid: *"ir-recording jidher li gie mghoddi mill-imputat Hubert David Grech lill-parte civile. Il-Qorti qed tuza l-kelma "jidher" ghaliex ma ingabitx prova li effettivament il-messaggi in kwistjoni fejn jinghad li kien sejjer jghaddi dan ir-recording intbaghtu minghand l-imputat Hubert David Grech. In-numru tal-mobile li gie indikat fic-chats esebiti ma gie fl-ebda hin abbinat mal-istess imputat bhala li kien tieghu. Lanqas ma tressqet xi prova minghand xi provditur tas-servizz li jabbina tali numru mal-istess imputat. Apparti minn hekk, ir-recording ma giex ezaminat biex jigi stabbilit kif kien verament ittiehed, jekk kienx recording originali jew kopja u jekk kienx fih xi editing. Dan jitfa' dubji fuq it-trasparenza, il-korretteza u l-awtenticita tal-prova. Dan kien aktar essenzjali li*

[8] Pulizija vs Francine Cini deċiża fl-24 ta' Lulju 2017

*jsir meta jidher li bejn meta sar ir-recording u meta dan gie mghoddi lill-parte civile kienet ghaddiet aktar minn sena! Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti sejra tiskarta kompletament din il-prova tar-recording."*

Mir-rapport tekniku tal-espert Jonathan Mizzi ħareġ li fuq id-dokument mogħti lilu biex janalizza kien hemm:

(i) telefonata rekordjata fuq file li gie krejat fi 03.01 2021. 8.17 PM Call 1.mp4;

(ii) telefonata rekordjata fuq file li gie krejat fi 03.01.2021. 8.18 PM Call 2.mp4

(iii) ritratt f'file li gie krejat fi 17.12.2020. 14.13 PM 3RD Drive Picture (Between Trees – Marked with arrow).jpg

(iv) ritratt f'file li gie krejat fi 17.12.2020. 14.13 PM 3RD Drive Picture.mp4

(v) ritratt f'file li gie krejat fi 17.12.2020. 14.13 PM 4TH Drive Picture.mp4

(vi) ritratt f'file li gie krejat fi 03.01.2021. 12.58 PM.jpg bl-isem Picture Bus Terminal

(vii) screenshot f'file li gie krejat fi 03.01.2021. 10.47 AM 3RD.jpg Picture.mp4

(viii) Video f'file li gie krejat fi 03.01.21. 12.59 PM.mp4

Il-Prosekuzzjoni ma talbitx call profiles tal-imputat biex ikun stabbilit li t-telefonati li saru lil Christiana Vella saru minnu. L-iscreen shots li preżentat Vella juru li t-telefonati saru minn numru ssejvjat fuq tagħha bl-isem ta' Jimmy. Kull ma kellha tagħmel il-Pulizija kien li tistabbilixxi

dan permezz ta' xhieda ta' service provider.

Il-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-prova li t-telefonati saru mill-imputat u li oriġinaw minn mobile tiegħu. Ma teżisti ebda prova fl-atti meta effettivament saru l-allegati telefonati ħlief li ġie kreat file bir-recordings ta' dawn it-telefonati fit-3 ta' Jannar 2021 u fi x'ħin saru. Ix-xhieda ta' Christiana Vella weħidha li qalet li għarfet il-leħen tal-imputat mhix prova biżżejjed. Ma saret ebda tip ta' identifikazzjoni tal-vuċi u allura ebda konnessjoni fattwali bejn ir-recordings u l-akkużat peress illi minn imkien ma jirriżulta l-prova teknika u xjentifika illi f'xi waħda mit-telefonati hemm leħen l-akkużat. Ma saret ebda analiżi komparattiva bejn il-vuci tal-persuna li tinstema' fir-recordings u l-vuċi tal-imputat. Lanqas ix-xhieda ta' Nathan Pace ma tista' tittieħed bħala prova tal-identifikazzjoni tal-vuċi meta dan miegħu qatt ma tkellem.

Il-Qorti għalhekk ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**Art. 251B u 251A(1)(a) tal-Kap 9**

**Il-fastidju u biża li ser tintuza l-vjolenza**

Illi, b'referenza għar-reat ta' fastidju, il-Qorti ser tagħmel referenza għad-deċizjoni mogħtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-

Qorti għamlet referenza għall-kawża deċiża mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawża fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Massimo Tivisini**:

"Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** deċiż fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:

"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz '*Harassment*') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-**Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07]:- "...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien".

[...]

Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz '*harassment*') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib

ruhha b'mod li taghti fastidju lill-persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('*alarming*') jew idejjaq ('*causing...distress*') lill-persuna.

[...]

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lill-persuni jinkludu meta wiehed jaghti qatgha jew idejjaq lill-persuna. ('*alarming the person or causing the person distress*' fit- test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika u dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir- rigward ta'

dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".

Din il-Qorti tinnota li l-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel żewg artikoli tal-*Protection of Harassment Act 1997* li jibda bil-kelmiet: '*A person must not pursue a course of conduct*' li fil-liġi tagħna hekk: 'Persuna li ġġib ruħha'.

Skont l-Archbold: *'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'.* (**Lau v DPP** (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

*In **Pratt vs DPP**, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such*

*as his mental illness; and the test is section 1(30(c is even more clearly objective:* ***R v Colohan****".*

Il-Qorti se ttemm l-analiżi tagħha dwar dawn ir-reati billi tikwota mill-aħħar edizzjoni ta' Blackstone's Criminal Practice 2021 fejn jispjega dwar id-definizjoni ta' harassment:

**Protection from Harassment Act 1997, s. 7**

The definition provided by s. 7 is clearly inclusive and not exhaustive (*DPP v Ramsdale* [2001] EWHC Admin 106). 'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.191), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded (see *N(Z)* [2016] EWCA Crim 92, [2016] 2 Cr App R 10 (112) at [38] (where this summary is endorsed) and *Tan* [2017] EWCA Crim 493 at [18]). The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (*Curtis* [2010] EWCA Crim 123, [2010] 1 Cr App R (S) 31 (193)) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment; it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability. See *Majrowski v Guy's and St Thomas's NHS Trust* [2006] UKHL 34, [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30]. Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively,

> but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.
>
> […]
>
> **Course of Conduct Causing Fear on at least Two Occasions**
>
> As to the meaning of 'course of conduct', in *R (A) v DPP* [2004] EWHC 2454 (Admin), it was confirmed that there must be at least two occasions involving threats or other conduct giving rise to the fear of violence. On the other hand, it would be sufficient for this to be a fear of violence on separate and later occasions, as where D tells V, 'I'll come back and get you' (*Qosja* [2016] EWCA Crim 1543, [2017] 1 Cr App R 17 (264) at [34]).

Il-Qorti fliet b'reqqa ix-xhieda li tat Christiana Vella u Nathan Pace inkluż il-filmat u ritratti. Rigward x'qal lill-oħtu Warren Vella l-Qorti ma tistax tagħtih piż, ara li kieku inġab Warren Vella jixhed is-sitwazzjoni kienet tkun differenti. L-istess għal dak li qalet Christiana Vella dwar il-messaġġ li wasslitilha l-ex mara ta' Jimmy Mifsud. Dawn iż-żewg xhieda Warren Vella u l-ex mara ta' Mifsud kienu kruċjali għall-każ tal-Prosekuzzjoni biex tipprova l-akkuża marbuta mal-biża' li sofriet Christiana Vella.

Il-Qorti ma tistax tifhem kif il-Prosekuzzjoni fl-akkużi tagħha ma xlietx lill-imputat bi ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni mogħtija fil-konfront ta' Christiana Vella fit-13 ta' April 2020 minn Qorti diversament preseduta waqt il-preżentata fil-każ fejn l-imputat kien mixli bil-ħruq tal-garage mikri għand Vella, liema każ se jkun deċiż illum. Dak li seħħ fil-

konfront ta' Vella bix-xhieda prodotta kien jirriżulta ksur ta' din l-Ordni ta' Protezzjoni skont artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u ma kienx ikollha d-diffikulta' li daħlet fiha b'nuqqas ta' provi li faċilment setgħet ġabet fejn jidhol il-biża' tal-użu tal-vjolenza. Dwar it-tieni imputazzjoni ma tistax issib ħtija.

Il-Blackstone's Criminal Practice 2021 ikompli jispjega dwar *course of conduct*:

> Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct' (*Iqbal v Dean Manson (Solicitors)* [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be properly particularised in the information laid or the indictment (*C v CPS* [2008] EWHC 148 (Admin)) and must be so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (*Patel*[2004] EWCA Crim 3284, [2005] 1 Cr App R 27 (440); *Pratt v DPP* [2001] EWHC Admin 483; *C v CPS*). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (*Lau v DPP* [2000] Crim LR 580). See also *Hills* [2001] 1 FLR 580 and *Sahin*[2009] EWCA Crim 2616.

Fil-każ **Massimo Tivisini**[9] l-Imħallef Joe Galea Debono jispjega li:

> *F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l-"intimacy seekers" li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta' mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-"erotomanic stalkers" li jemmnu li l-vittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l- vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom. Tip iehor ta' stalker hu dak tal-"incompetent suitor" li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta' inadekwatezza, imma li xorta wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal-"predatory stalker" li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta' xi tip ta' attakk sesswali.*
>
> *[…]*
>
> *Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.*

---

[9] Seduta tas-27 ta' Frar, 2009 Appell Kriminali Numru. 351/2008

L-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** jipprovdi li x-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fiċ-ċirkostanzi u dan a bażi tal-possibbilta'.

Il-Qorti nnutat il-komportament tal-imputat waqt li kienet qegħda tixhed Vella fejn inġibditlu l-attenzjoni biex jieqaf jinterrompi. Il-Qorti nnutat ukoll kif l-imputat prova jiżvija billi produċa provi li kien xogħol dakinhar li nnutatu Vella jsus warajja. Ix-xhieda tar-rappreżentanti tal-kumpanija u ta' min suppost bidel il-ġurnata miegħu, ġabu fix-xejn dak li prova jsostni l-imputat li kien hemm minħabba x-xogħol u mhux minħabba li kien qiegħed isegwi lil Christiana Vella. Christiana Vella u Nathan Pace isemmu żewġ dati fejn l-imputat kien qiegħed isegwi lil Vella fis-17 ta' Diċembru 2020 u t-3 ta' Jannar 2021. U għalhekk se ssib ħtija dwar it-tielet imputazzjoni.

**Imputazzjonijiet marbuta ma' inċident fil-bini tal-Qorti**

Il-marixall **Mario Portelli**[10] xehed li:

> *Ix-xhud: Fit-tmienja (8) tax-xahar, kien il-Ġimgħa, għal ħabta qisu ta' xi nofsinhar jew il-ħdax u nofs, hekk, wara s-seduta, U smajna għajjat kbir, tlajt niġri, tela' kien hemm il-pulizija hemm isfel Wenzu, tela' jiġri ukoll, u sibna lill-imputat, l-imputat kien hemm żewġ*

[10] Seduta tal-1 ta' Frar 2021

*pulizija oħra miegħu jżommuh. U dak kienu qegħdin iżommuh żewġ pulizija u xħin tela' Wenzu, Wenzu tela' miegħi insomma, u Wenzu mar jgħinhom, u jien qbadt lil Natan u mbuttajtu 'l hawn għal mal-bieba tal-awla. Imbagħad wara ftit ġie l-Ispettur u qallu, "mur agħmel iċ-ċertifikat," kellu xi ġrieħi f'għajnu.*

*Dr Chris Said (għall-parte civile): Inti l-ġrieħi f'wiċċ Natan rajthom?*
*Ix-xhud: Iva, kienet tidher, kienet fuq in-naħa tal-lemin fuq għajnu, hekk minn fuq moħħu, minn fuq għajnu hekk 'il isfel.*
*Dr Chris Said: Inti xħin tlajt rajt xi ħadd jirreżisti, xi ħadd?*
*Ix-xhud: Li kien qed jirreżisti lill-pulizija kien l-imputat, għax Natan kien qiegħed fin-nofs u qbadtu u tfajtu, ma irreżistinix, tfajtu għal mal-bieb tal-awla.*

Ix-xhud **<u>Nathan Pace[11]</u>** spjega li:

*Ix-xhud: F'illi kien miexi quddiemi, f'daqqa waħda nsibu ġej għal fuqi.*
*Dr Chris Said: U x'għamel?*
*Ix-xhud: Rassni mal-bieb, jien ma stajtx nevitah, dan kollox f'temp ta' ħames sekondi jiġifieri, u sadanittant qalgħuh il-pulizija minn fuqi. Bqajna neżlin, qaluli biex immur l-isptar u nagħmel ċertifikat dak il-ħin jiġifieri.*
*Dr Chris Said: X'ġrieħi ġarrabt f'dak l-inċident?*

[11] Seduta tal-1 ta' Frar 2021

*Ix-xhud: L-ewwel, wiċċi hawnhekk telgħali tbenġila, girfa minn fuq wiċċi s'isfel sa taħt għajni, u peress illi sabbatni għal ġo dan il-bieb, anke ġrieħi fuq wara rasi.*

*Il-Qorti: Il-bieb, jiġifieri tal-awla qed tgħid?*

*Ix-xhud: Iva mela.*

*Il-Qorti: Tal-awla bl-ittra A.*

*Dr Chris Said: U kif qalgħuh minn fuqek? Min qalgħu minn fuqek?*

*Ix-xhud: Il-pulizija. Jiena ma kont qed nara xejn għax jien li ġarali, il-maskra bid-daqqa telgħet ġo wiċċi u l-hoodie ġie ġo wiċċi, allura ġejt bażikament ballun.*

*Il-Qorti: Issa, inti mort x'imkien minn hawn wara?*

*Ix-xhud: Bqajt sejjer l-isptar nagħmel ċertifikat.*

*Il-Qorti: Fejn mortu l-isptar?*

*Ix-xhud: Il-clinic, il-clinic.*

*Il-Qorti: Il-clinic. Iċ-ċentru tas-saħħa jiġifieri.*

*Ix-xhud: Iva.*

*Dr Chris Said: Min rak, taf, tabib?*

Dwar l-incident fil-Qorti **Christiana Vella**[12] spjegat:

*Ix-xhud: Dakinhar tlajt biex nixhed quddiem il-Maġistrata u xħin jien kont qed nistenna fejn il-bieb, dan il-bieb eżatt, tela' Jimmy, u kienet split of a second, kienet ftit sekondi, u tar għal Natan Pace. Dak li ġara.*

*Dr Chris Said: Quddiemek jiġifieri.*

[12] Seduta tal-1 ta' Frar 2021

*Ix-xhud:* *Iva. Beda jtih, beda jsawtu u jien dak il-ħin żgiċċajt u bdejt ngħajjat u Nwerżaq. Xħin bdejt ngħajjat u nwerżaq il-pulizija kollha qabżu fuqu, ġenn, ġenn. Dak li ġara. Għaddew minn quddiemi, kien hemm –*

*Il-Qorti:* *issa, Natan Pace, dan spiċċa b'xi ġrieħi waqt din l-azzjoni li qed tgħid?*

*Ix-xhud:* *Iva, kellu d-daqqiet ġo wiċċu.*

*Il-Qorti:* *U x'għamiltu wara li kellu d-daqqiet ġo wiċċu?*

*Dr Chris Said:* *Fejn mar wara?*

*Ix-xhud:* *Mar għamel iċ-ċertifikat għand it-tabib.*

*Il-Qorti:* *Imma mar x'imkien?*

*Dr Chris Said:* *Fejn mar? Għand liema tabib?*

*Ix-xhud:* *Mar il-polyclinic.*

*Dr Chris Said:* *Tar-Rabat, hux hekk?*

*Ix-xhud:* *Tar-Rabat iva.*

*Il-Qorti:* *Inti mort miegħu jew waħdu?*

*Ix-xhud:* *Mort miegħu, imma ma dħaltx għax ma ħallewnix nidħol minħabba l-Covid.*

*[…]*

*Il-Qorti:* *Qed nuruk żewġ ritratti biex tgħidilna dawn ir-ritratti min ħadhom u meta ħadhom.*

*Dr Chris Said:* *Ir-ritratti huma dokument NT1. Min ħadhom dawn ir-ritratti?*

*Ix-xhud:* *Ħadnihom aħna,*

*Il-Qorti:* *Aħna, min? M'hemmx "aħna" plural! Min ħadhom bil-mobile.*

*Ix-xhud:* *Ħadthom jien u ta' Natan Pace fejn il-polyclinic.*

*Il-Qorti:* *Iva, imma inti ħadthom ir-ritratti.*

*Ix-xhud:* *Iva, jien ħadthom.*

*Dr Chris Said:* *U fejn ħadtuhom? Fejn kontu?*

*Ix-xhud:* *Fejn il-polyclinic.*

*Dr Chris Said:* *Jiġifieri qabel daħal il-polyclinic jew wara?*

*Ix-xhud:* *Iva, iva, qabel.*

**<u>Ferita ħafifa</u>**

Din il-Qorti tagħmel referenza għall-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004 fejn qalet hekk:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Minn eżami tal-provi prodotti quddiem din il-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova n-natura tal-offiża ħafifa li ġarrab Nathan Pace kemm biċ-ċertifikat rilaxxat mit-tabib John Xuereb Curmi, l-affidavit tiegħu tad-29 ta' Jannar 2021 kif ukoll ir-ritratti esebiti u kkonfermati minn Christiana Vella. It-tabib John Xuereb Curmi spjega li "*meta dakinhar ezaminajt lil Nathan Pace, sibt li kellu brix superficjali fuq wiccu, mohhu u in-naha ta' wara ta' rasu, il-griehi kienu ta' natura hafifa*".

**<u>Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 (Inġurji u Theddid)</u>**

Bħala kunsiderazzjoni legali in konnessjoni ma' din il-kontravvenzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Camlleri** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-30 ta' Settembru 2009:

> *"Skond il-gurisprudenza Il-Pulizija versus Joseph Frendo[13]' it-theddid ifisser li agent ikun qed jippospetta lil persuna oħra ħsara ingusta. 'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodiċi, e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent."*

---

[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 1995.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar** ingħad li: *"Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali."*[14]' Theddida lanqas ma titlef mis-serjeta' tagħha jekk tkun kundizzjonata.[15]

Ingħad ukoll li minaċċja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. Antolisei jisħaq li: *" e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace."*[16]

**Ksur tal-bon-ordni u paċi pubblika**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha okkażżjoni tfisser f'diversi sentenzi tagħha (ara, fost oħrajn, Il-**Pulizija v. Joseph Spiteri** App. Krim. 24/5/96), bħala regola jkun hemm il-kontravenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Artikolu 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibbilta' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.

[14] Deċiża mill-Imħallef Dr W. Harding fil-25 ta' Ġunju 1952.
[15] Ara f'dan is-sens Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949
[16] Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre)

Għandu jingħad ukoll li għalkemm il-liġi tagħna tipprovdi għad-difiża tal-legittima difeza f'każ ta' aggressjoni diretta biex tikkaġuna offiża fuq il-persuna (Art. 223, Kap. 9), kif ukoll tippermetti r-ritorsjoni proporzjonata fil-każ tal-inġurja kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali (ara Il-**Pulizija v. Joe sive Joseph Vella** App. Krim. 7/12/95), fil-każ tar-reat ta' ksur tal-bon-ordni u l-paċi pubblika il-liġi ma tipprovdi għal ebda difiża speċifika.

Fi kliem ieħor, wieħed irid jara fil-każ konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Hu evidenti, per eżempju, li persuna li tiġi aggredita u li tkun fil-fatt qed tiddefendi ruħha (mhux sempliċement tirritalja għal offiża fuq il-persuna li tkun diġa saritilha) neċessarjament ser taġixxi b'mod li tnissel f'moħħ persuna oħra dak l-inkwiet jew tħassib aktar 'il fuq imsemmi. Pero' l-aġir ta' dik il-persuna jkun, f'dawk iċ-ċirkostanzi, inevitabbli, u għalhekk ma jistax jammonta għal *breach of the peace*. L-istess ikun il-każ jekk persuna tinġurja *animus retorquendi* fil-limiti tal-Artikolu 339(1)(e) imsemmi – ikun kontrosens li wieħed jgħid li dik l-inġurja ma tammontax għal reat pero' l-fatt fih innifsu jammonta għal reat ieħor (taħt l-Art. 338(dd))[17].

L-Imħallef Joseph Galea Debono waqt li kien qiegħed jippresedi l-Qorti tal-Appell Kriminali sostna li: Ma hemmx ghalfejn ikun hemm l-ghajjat u l-glied flimkien biex tissussisti l-kontravvenzjoni kontemplata fl-ewwel imputazzjoni w koperta bl-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 indikat fil-

[17] **Pulizija vs Monica Polidano.** App. Krim. Imħallef Vincent De Gaetano. 25 ta' Ġunju 2001

komparixxi w citat fis-sentenza appellata[18]. Di fatti dan is-subinciz (dd) jiddisponi li :-

> *"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min :- (dd) b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ."*

Minn dan jidher ċar li l-kliem tal-liġi jrid ikopri kull *"disturbance to the peace and good order"* sija jekk dan ikun ġej minn għajjat biss kif ukoll minn ġlied jew kolluttazzjoni fiżika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni oħra. Mhux xi rekwiżit tassattiv li dawn iż-żewġ elementi jridu jikkonkorru f'daqqa u jista' jkollok waħda jew l-oħra jew xi manifestazzjoni oħra esterna li twassal għad-disturb tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Illi kif ġie ritenuto fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Paul Busuttil** [23.6.1994] :

> *"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl- artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil"* u *"dan ir-reat*

[18] **Pulizija vs Paul Pace**. App Krim Imhallef Joe Galea Debono. 3 ta' April 2003

*javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

Dik il-Qorti kienet iċċitat b'approvazzjoni lill-Imħallef Sir Adriano Dingli li fil-kawża "**Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et**." [Kolloz Vol. XII , p.472, 475] kien qal :- *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita' pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e' violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto."*

Meta wieħed jara x-xhieda li ġabet il-Prosekuzzjoni dwar l-inċident li seħħ jidher ċar li l-imputat attakka lil xhud li kien preżenti barra l-awla, liema xhud huwa wkoll il-partner ta' Christiana Vella. Kellha tkun il-Pulizija li tikkontrolla s-sitwazzjoni iżda sakemm l-imputat kien ikkontrollat huwa kien diġa' attakka lil Nathan Pace.

L-argument tad-difiża li x-xhud ma kienx messu kien hemm biex ma jarahx l-imputat u allura l-preżenza tiegħu ma kinitx tkun mezz ta' provokazzjoni filwaqt li **l-Qorti ma taqbel xejn mal-argument tad-difiża għaliex kieku jkollna mijiet ta' reati fil-Qrati tagħna li jekk jaraw xhud preżenti qabel jidħlu fl-awla jkun mezz ta' provokazzjoni u allura jkollu dritt li jattakkah. Iżda minn dan l-isfond il-Qorti tissuġġerixxi li fil-Qrati ta' Malta jkun hemm kmamar li jkunu post fejn ix-xhieda li jissejħu biex jixhdu jistennew hemm. B'dan il-mod jonqos anke l-iffullar fil-kurituri tal-Qorti. Din mhix miżura li tista'**

**ssir mil-lum għal għada speċjalment fl-ispazju limitat tal-Qorti ta' Għawdex imma 'l quddiem meta jinbena qorti ġdid għandu jittieħed dan is-suġġeriment.**

Kwantu għall-piena, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** mogħtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal li **"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b'effett immedjat."** Dan il-prinċipju ġie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleġjali) fis-sentenza tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Bonnici** mogħtija fil-11 ta' Novembru 2004 fejn ġie ritenut: **"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibghatu messagg car …li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha il-piena ta' prigunerija b'effett immedjat."** U fejn si tratta ta' vjolenza domestika dan il-messagg irid johrog car.[19]

**Ksur tal-Kundizzjonijiet tal-Helsien mill-Arrest**

In kwantu l-akkuża tal-Ksur tal-Kundizzjonijiet tal-Ħelsien mil-Arrest f'dawn l-atti hemm esebit digriet u ġie kkonfermat mil-Ispettur Bernard Charles Spiteri fix-xhieda tiegħu illi Jimmy Mifsud huwa l-istess persuna indikat fid-digriet tal-Ħelsien mill-Arrest esebit fil-proċess u kif ukoll illi l-istess degriet kien għadu in vigore meta saru dawn ir-reati illi huwa akkużat bihom l-imputat. Għalhekk din l-imputazzjoni tirriżulta.

[19] Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet il-**Pulizija vs Emanuel Degiorgio** deċiża mill-Imħallef David Scicluna deċiża fid-19 ta' Mejju 2010

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi wara li rat artikolu 17, 18, 251B, 251A(1)(a), 579(1), 221, 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 u Artikoli 48(1)(D), 49(c) tal-Kapitolu 339 tal-liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, issibu ħati tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitta (6) li se tkun kompriza fil-ħames (5) imputazzjoni fejn tidħol piena u tas-seba' (7) imputazzjoni u tikkundannah disa' (9) xhur priġunerija.

Kif ukoll biex tipprovdi għas-sigurta' tal-parti leza Christiana Vella u Nathan Pace b'applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan għal perjodu ta' ħames (5) snin.

A tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Christiana Vella u Nathan Pace għal żmien tliet (3) snin.

Finalment bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' mitejn u sitta u tmenin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€ 286.74) rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Kwantu għat-talba tal-Prosekuzzjoni minħabba n-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat biex ingħata l-ħelsien mill-arrest, irriżultat sodisfaċentament pruvata.

Illi l-fatt li l-imputat **kiser ordni mogħtija mill-Qorti**, **huwa fatt serju ħafna u ma jistax ikun li jibqa' jkun hawn persuni li l-ordnijiet li jingħataw mill-Qorti flok isegwuhom u jimxu b'mod strett magħhom hemm min jistma d-dokumenti tal-Qorti bħal karta li tintuża biex igeżwru z-zokkor jew l-iskalora.**

Il-Qorti wara li rat 579(1)(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-**Pulizija (Sp. Joseph Mercieca) vs Wayne Falzon**[20] deċiża mill-Imħallef Joseph Galea Debono fil-31 ta' Lulju 2008, *"illi la darba saret it-talba mill-prosekuzzjoni ghar-ri-arrest tal-appellat … din il-qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti mhux biss ma kienetx prekluza milli tordna r-ri-arrest imma kien indikat li hekk kellha taghmel f'dan il-kaz"* filwaqt li tirrevoka l-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti nhar id-19 ta' Mejju 2020 minn din il-Qorti, tordna l-arrest mill-ġdid tal-ħati.

Il-Qorti mhix se tordna li d-depożitu u l-garanzija jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u dan wara li rat l-ispirtu tal-emendi l-ġodda dwar konfiski meta jkun revokat il-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti tordna divjet fuq isem il-parte civile minn kull mezz tax-xandir.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |

[20] Appell Nru. 137/08